# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1234

Kaz Nru. 1574

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Raymond Micallef

u

Winston Azzopardi –
Carina Holdings Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata
li hi ngusta

Data: 9 ta' Novembru 2001

**Chairman: is-Sur Franco Masini**

## 1 Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fit-12 ta' Settembru 2001 b'riferenza MSP/TI/68/2001 wara li l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici, f'isem s-sur Raymond Micallef, kiteb lill-Vici Prim Ministru fil-11 ta' Settembru 2001 biex jinfurmah illi l-istess Micallef kien safa' licenzjat mill-impieg tieghu mis-Sur Winston Azzopardi u Carina Holdings Ltd. u li dan il-licenzjament ma kienx ghal raguni gusta u valida.

Il-Kumpanijja Appellata tirritjeni li l-licenzjament tas-Sur Micallef kien ghal raguni gusta u valida peress illi l-Appellant kien jonqos minn dmirijietu, gieli ippancja fil-*cash register* ammonti inqas minn dak attwali, kien jaghmel ordnijiet kbar kontra l-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu u nuqqasijiet ohra. Il-Kumpanijja Appellata kienet assistita mill-Avukatessa Michelle Pace. Inzammu zewg seduti.

## 3 Eccezzjoni Preliminari

Hekk kif bdiet it-tieni seduta Dottoressa Pace f'isem il-Kumpanijja Appellata ssollevat in-nullita` tal-kaz peress illi li-*statement of case* tal-Appellant gie prezentat *fuori termine* peress li wasal lill-Kumpanijja Appellata dak inhar stess u hafna wara li skada t-terminu impost mit-Tribunal. Hija talbet lit-Tribunal jaghti sentenza preliminari u jiddikjara l-proceduri irriti u nulli.

L-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici ghall-Appellant issottometta li t-Tribunal Industrijali jaccetta li-*statement of case* fi kwalunkwe hin, u anke jekk ma jigix sottomess dan li-*statement* il-kaz jipprocedi fuq it-talba originali li kienet saret lill-Ministru u dan ghax it-Tribunal jista' jirregola l-proceduri tieghu stess ghall-finijiet tal-ligi u l-ekwita` u jiccita bhala ezempju d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Goldvest Ltd. vs Joseph Saliba u c-*Chairman* tat-Tribunal Alphonse Caruana.

## 4. Fatti tal-Kaz

Meta dan il-kaz gie assenjat lit-Tribunal Industrijali kif presjedut intbaghatet ittra fl-20 ta' Settembru 2001 lill-Appellant u lill-Kumpanijja Appellata li fiha intalbu li jibghatu li-*statement of case*, lista tax-xhieda kif ukoll dettalji ohra rilevanti **mhux iktar tard minn nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru 2001.** Waqt li l-Kumpanijja Appellata baghtet li-*statement of case entro termine* l-Appellant naqas li jaghmel dan. L-ewwel seduta saret fl-10 ta' Ottubru 2001 u l-Appellant deher wahdu u mhux assistit. It-Tribunal kif hi l-konswetudini appella lill-partijiet biex forsi jilhqu ftehim bonarju u ddiferixxa l-kaz ghall-31 ta' Ottubru 2001. Meta ssejjah l-kaz f'din id-data, kif intqal, it-Tribunal u l-Appellant gew moghtija kopja tal-istatement of case minn Dr Mifsud Bonnici.

## 5 Konsiderazzjonijiet

Ir-Regoli tal-1957 dwar il-procedura tat-Tribunal Industrijali kif emendati jghidu li d-dikjarazzjoni trid tasal ghand is-Segretarju tat-Tribunal "**sebat ijiem qabel il-gurnata iffissata ghas-smiegh**" (Regola 4). Ikun id-dover tas-Segretarju li jaghti kopja lic-Chairman u jiskambja il-kopji mall-partijiet. Dana naturalment biex l-ebda parti ma jkollha vantagg fuq l-ohra u jigi rispettat il-principju ta' *equality of arms*. Fil-kaz in ezami dan ma garax peress illi parti minnhom ma ssottomettitx li-*statement of case* taghha *entro termine*. Fil-fehma tat-Tribunal din ir-regola bhar-regolamenti l-ohra ghandha tigi rispettata specjalment fejn ghandha x'taqsam mall-iskambju tad-dikjarazzjonijiet. Li jrid jiddecidi t-Tribunal huwa jekk xi wahda mill-partijiet tonqos li tissottometti d-dikjarazzjoni fil-hin x'konsegwenzi ghandu jkun hemm fuq il-prosegwiment tal-kaz ? It-Tribunal ezamina bir-reqqa s-sentenzi li ccita l-Avukat Mifsud Bonnici cioe` Goldvest Company Ltd vs Attorney General et kemm quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, (Onor Giannino Caruana Demajo 12.4.99). kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali bl-istess okkju (STO Joseph Said Pullicino, Carmel Agius u Joseph D.Camilleri 30.4.2001). L-ewwelnett ta' min jghid illi l-mertu tal-kawzi kienu iktar ta' natura kostituzzjonali peress li s-socjeta rikorrenti kienet qed tipprova timpunja Digriet tat-Tribunal ghax skond hi c-*Chairman* ma kienx imparzjali. Huwa veru izda illi iz-zewg Qrati ttrattaw ukoll fis-sentenzi taghhom l-ammissibilita` tardiva ta' dikjarazzjoni ta' wahda mill-partijiet.

Il-Qorti Kostituzzjonali tghid car u tond illi hija fid-diskrezzjoni tac-*Chairman* tat-Tribunal Industrijali f'kazi simili li jestendi t-termini. Tghid is-sentenza ta' din il-Qorti li **"sakemm it-termini ma jkunux dawk ta' dekadenza u jkunu jippermettu diskrezzjoni mill-gjudikant fl-impozizzjoni taghhom , mhux biss kien permess illi t-Tribunal jadegwa l-procedura ghac-cirkostanzi, fid-diskrezzjoni tieghu, imma wkoll seta' jkun obbligat li hekk jaghmel fl-interess tal-gustizzja biex jaghti opportunita` shih ta' kontestazzjoni."** Konfortat bis-sentenza ga citata dan it-Tribunal huwa lest li jezercita d-diskrezzjoni tieghu izda huwa jidhirlu li r-Regoli qedin hemm biex jigu obduti. Ghaldaqstant iwissi illi mhux se jittolera infrazzjonijiet kapriccuzi tar-Regoli.

## 6 Decizjoni

Wara li ikkunsidra l-argumenti taz-zewg partijiet u wara li fela' dak li kellhom xi jghidu l-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi ga citati jiddecidi billi jaccetta li-*statement of case* tal-Appellant u jordna li l-proceduri ikomplu quddiem l-istess Tribunal Industrijali.

Franco Masini

Chairman

Emma Muscat

A/Segretarja